# Kif Kien mill-Bidu, Issa, u Dejjem …

Joseph Vella

Kien twieled f'familja li minnha kien tnissel b'mod naturali u konvenzjonali. Fi kliem ieħor, ommu u missieru kienu għamlu l-att sesswali bla protezzjoni (u preżumibbilment bi mħabba, għalkemm ma kellu ebda garanzija ta' dan) u aktarx bl-intenzjoni li jnissluh (għalkemm lanqas ta' dan qatt ma ngħata xi ħjiel, aħseb u ara kemm kellu provi). Tnissilu ma kienx involva tikwis ta' test tubes fil-laboratorji għal inseminazzjoni artifiċjali. U bħalma kien jidher fir-ritratti fl-album tal-familja, lanqas ma kien inġarr għal erbgħin ġimgħa minn xi mara-omm surrogata. Kien jaf li hu mnissel bijoloġikament minn ommu għax Alla jista' kollox kien wiret l-imnieħer akwilin li donnu kien jipprova li kulħadd min-naħa tagħha (ħlief għaliha u għal ħutha n-nisa li bħalha kienu żżewġu) kien kunjomu bl-aptronimu Aquilina; u kien jaħlef li hu bin missieru bijoloġiku (li kien jipprovdilu saqaf fuq rasu u l-ħobżna ta' kuljum u pjuttost jieqaf hemm) għaliex – għal darb'oħra b'konferma li Alla jista' kollox, kellu par widnejn-qlugħ sporġuti 'l barra b'tali mod li kull meta ħares f'mera jew imqar lejn ir-rifless ta' rasu (meta ma jkunx profil) f'xi oġġett leqqien, qatt ma falla milli jfakkru f'ġifen tal-era Napoleonika u f'missieru (il-qisu-ġifen l-ieħor – kieku kellu jarahom xi jack-tar Ingliż biswit xulxin żgur li kien isejħilhom sister ships).

Milli jidher kien tnissel malli ommu waqfet tredda' 'l ħuh ikbar minnu b'wieħed u għoxrin xahar. Malli waqfet tredda' 'l ħuh, dak iż-żmien ta' sena, kienet inqabdet tqila pront pront, ħaġa li tagħtik x'tifhem li missieru ma

kienx iħalli għall-għada dak li seta' jirhan illum ... għalkemm setgħet kienet inzertatura wkoll. Il-lotterija tan-natura riedet li hu jitnissel, bejn wieħed u ieħor, sena u disa' xhur wara li ħuh kien ippreċedieh fuq wiċċ dal-globu jdur idur fir-radda manjetika spazjali mfassla għalih, sospiż kif inhu fil-wisa' kożmiku tat-Triq ta' Sant Anna.

Ix-xorti riedet, jew aħjar id-destin ried, li ħuh il-kbir jitwieled qablu, bid-drittijiet kollha – imma kurjożament bla dmirijiet, li jinvolvi fattur bħal dan. Ngħidu aħna kull oġġett tanġibbli li kien jisfa' f'idejn iż-żgħir matul l-eżistenza tiegħu, u fil-preżenza jew imqar fil-viċinanzi (tal-anqas qrib biżżejjed biex ħuh jinduna, jew imqar ixomm l-oġġett inkwistjoni) ta' ħuh il-kbir, dan kellu jitteħidlu jew jinħataflu awtomatikament, u minkejja kull reżistenza, minn tal-ewwel a skapitu ta' dak tat-tieni.

Dan il-proċess interminabbli skont din il-proċedura, kien inbeda malli l-ewwel wild ma kienx baqa' jiċċaqlaq biss b'mod awtoktoniku, imma wkoll beda jifhem li seta' jiċċaqlaq skont ir-rieda ħielsa tiegħu. Kien beda jagħraf li jista' jżewweġ ċaqliq l-estremitajiet ta' ġismu u diversi partijiet oħra, b'mod intenzjonat u b'kontroll, permezz ta' kmandi li jemanixxu mill-fakultajiet mentali tiegħu. U dan fi żmien meta l-wild li segwieh kien għadu biss fil-fażi taċ-ċaqliq spontanju u nieqes mill-fehem.

L-episodju li ġej għandu jservi ta' aneddotu li waqt li jillustra każ tipiku ta' dawn iż-żewġ imġibiet min-naħa taż-żewġ partijiet aħwa, bikri f'ħajjithom, fl-istess waqt jista' jittieħed bħala karatteristiku ta' mġibiethom matul għomorhom kif żvolġa.

Il-kbir ta' xi sena u xahar kien diġà dera jimxi mbe u jolza lilu nnifsu billi jaqbad b'idejh it-tnejn mal-oġġetti bħal siġġijiet, imwejjed, cupboards, ħitan u l-bqija. Wara tnax-il xahar esperjenza ta' dix-xorta, kien ħadha drawwa jsib lil ħuh iż-żgħir (issa ta' erba' xhur) mimdud u maqbud fin-nieqa tiegħu, waqt li jkun bil-bottle (tal-ħalib) imwaħħal bejn xufftejh qrollin. Wieqaf prekarjament kif kien ikun, kien jerħi idu l-waħda minn mal-virga tal-injam tal-ġnub tan-nieqa u waqt li jibqa' jżomm sod bl-oħra, idaħħal idu bħal xadina qiegħda taħtaf il-karawett mingħand il-viżitaturi taż-żu, u b'ħeffa jiġbed il-bottle minn ħalq ħuh. Iż-żgħir iżgħar f'dak il-waqt kien jibqa' b'xufftejh jixbhu lil ta' min ikun qiegħed isaffar, bid-differenza li flok jibda jixħet in-nifs 'il barra, kien jibqa' 'jsaffar' jiġbed l-arja 'l ġewwa (flok il-ħalib tal-formula – sostitut inferjuri għal dak ħafna aktar fejjiedi t'ommu). Hawnhekk kien jibda proċess ta' soffużjoni

ta' ħmura fuq dak il-wiċċ ftit qabel roża roża. Kien jibda jiħmar jiħmar sa ma jibda jkanġi fil-blu u mbagħad saħansitra jsir blu iżraq fil-vjola. Dan waqt li fl-istess ħin tibda ħierġa tinwiħa rqiqa rqiqa minn dawk il-griżmejn prinċipjanti bħallikieku hemm tren li wasal biex joħroġ mill-mina u jsaffar tisfira werżiqija li ma ngħidlekx. Il-ħoss kien jibda mix-xejn ix-xejn u jeskala għal volum tremend ta' deċibel, b'tali mod li kont taħseb li qiegħda terġa' titħaddem il-palomba ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, u li allura hemm xi air raid imminenti.

Malli wiċċ l-iżgħar żgħir kien isir blu iżraq fil-vjola u t-twerżiqa kienet simultanjament tilħaq l-ogħla nota li setgħet toħroġ minn pulmun ta' dak il-qies, iż-żgħir il-kbir kien jerġa' jdeffes bilġri l-bottle minn bejn il-vireg, u l-gażażа għal ġol-ħalq imberraħ ta' ħuh b'tali mod li jsoddlu ħalqu – il-bottle kien fil-frattemp ikun tnaqqas b'xi erba' ounces ħalib li jsibu posthom f'żaqq iż-żgħir il-kbir. Ma'dan ir-ritorn tal-gost wara s-sofferenza, wiċċ iż-żgħir iż-żgħir kien jgħaddi minn proċess ta' kambjament simili ħafna għal dak ta' qablu imma bil-maqlub – minn blu iżraq fil-vjola għal blu għal ikħal fl-aħmar għal roża roża; bid-differenza li t-twerżiqa kienet tieqaf ħesrem, propju bħal meta s-surmast tal-banda fi tmiem l-eżekuzzjoni ta' biċċa mużikali jagħti tixjira ta' malajr għat-tond b'idejh it-tnejn (b'waħda minnhom battala imma bis-swaba' qishom qegħdin iżommu xi tentufa, u b'tal-oħra qishom qegħdin iżommu straw li fis-sew hi l-bakketta), u mbagħad ibegħedhom ħesrem minn xulxin lateralment bħallikieku lesta jaqfel xi lazz inviżibbli.

* * *

Ix-xemx minn filgħodu turik. L-omm kienet waqfet tredda' l-ħalib liż-żgħir il-kbir (il-ġurnata kienet databbli la dak li ġara kien indimentikabbli), għaliex kien gidmilha hekk b'qawwa aggressiva l-beżżula tax-xellug b'dawk il-ħniek irqaq irqaq ibsin li kellu waqt li kien qiegħed jerda' ħalibha, li kien ħassha ħażin bl-uġigħ wara li nfexxet tkanta kant denju tas-sopran Maria Callas f''La Mamma Morta'. Kellu jkun żewġha, li tela' jiġri mis-semi-basement garaxx qisu balena li telgħet bilġri għan-nifs wara xi siegħa timraħ f'qiegħ l-oċean, li kien pront għafaslu mnieħru (diġà jippronostika li se jxaqleb lejn l-akwilin) biex fetaħ ħalq l-istess żgħir (il-kbir) għan-nifs u reħa beżżulet ommu issa mċaftra waħda u sew.

Dan l-episodju kellu riperkussjonijiet danneġġanti kemm għad-diġà msemmi imma wkoll għaż-żgħir iżgħar, għaliex ommu mixgħufa ma riedet bl-ebda mod tissogra xi replika ta' dak li ġarrbet minn tal-ewwel, fil-każ tat-tieni, u allura kienet mill-ewwel bdiet tagħtih il-ħalib tat-trab.

Ma damx ma ġie żmien f'ħajjet omm in-nebbiexi l-kbir u l-itturmentat iż-żgħir, meta din iffissat tnaddaf, tfarfar, taħsel. Aktarx li r-raġuni ewlenija li ppreċipitat din l-imġiba patoloġika fiha kienet il-proliferazzjoni ta' ħrieqi kkunsmati miż-żewġ aħwa f'perjodu hekk qasir u intens, liema ħrieqi kienu jħaddnu fihom tiżwiqa sħiħa ta'lwien b'taħwira fenomenali ta'ntejjen jemanixxu minn dak il-materjal amorfiku u ta' konsistenza semisolida varjabbli. Il-ħrieqi taż-żgħir il-kbir kellhom tendenza jimtlew sa xfarhom b'pastellina partikolari minħabba li dan kien jisraq u jżid ma' tiegħu dak li suppost kellu jikkonsma ħuh iż-żgħir, filwaqt li dan l-aħħar imsemmi, kien jimla l-ħrieqi b'kontenut pjuttost aktar immerraq minħabba l-ħasdiet interruttivi waqt il-konsum tal-fdal tas-sustanza suppost meħuda kollha minnu għax oriġinarjament intenzjonata għalih.

Kollox ma' kollox jidher li l-psike tal-omm ċeda quddiem dik il-pressjoni kkawżata minn daqstant każijiet frekwenti ta' tneħħija tal-fdalijiet li ġisem uliedha ma kellux ħtieġa tagħhom. Id-defakazzjoni kienet saret l-ordni tal-ġurnata, u l-inondazzjoni ta'ħrieqi kienet qiegħda tnaqqas b'rapidità qawwija l-boroż suwed mixtrija mill-minimarket tal-kantuniera u tkabbar b'rata proporzjonalment allarmanti l-għolja tal-Magħtab.

Omm iż-żgħir il-kbir u ż-żgħir iż-żgħir għandha mnejn issoktat tiddgħajjef mentalment quddiem dak l-isterilizzar kollu ta'bottles għall-ħalib tat-trab, ħasil ta'vavalori u baby grows imxappa fil-qrusa, u l-imsiħ u t-tmesliħ tal-high chairs, il-mejda tal-kċina, is-siġġijiet, is-sufani, l-għamara, il-madum, il-ħitan; u f'xi każ jaw tnejn saħansitra s-saqaf, biex ma nsemmux ukoll addirittura t-tapezzerija kollha tal-parti posterjuri tal-*Volkswagen Beetle* li kienet il-mimmi t'għajnejn il-missier ... tal-anqas sa qabel dik ir-ridekorazzjoni gratwita.

L-omm fetħet kruċjata sħiħa kontra l-għabra, it-trab, il-ftietel u l-busuf li skontha bdew jakkumulaw fid-dar; fuq il-lemin tagħha sakemm tkun qiegħda tfarfar, tnaddaf jew taħsel fuq ix-xellug; warajha waqt li tkun qiegħda taħsel, tfarfar jew tnaddaf fuq quddiem; fuq jekk tkun qiegħda tnaddaf, taħsel jew tfarfar isfel.

Matul il-jum kollu, għajr f'dawk il-ħinijiet meta kontra qalbha ma setgħet bl-ebda mod tagħmel ħaġ'oħra, kienet tkun okkupata tfarfar, tnaddaf jew taħsel; u li kien għaliha, anke matul il-lejl kienet tissokta tfarfar, taħsel jew tnaddaf.

Tant hu hekk, li mhux darba u tnejn kienu l-każi meta żewġha kellu jagħtiha xi daqqa sew ta' minkeb f'ġenbha, biex jaħsadha u jqajjimha minn xi ħmar il-lejl, għaliex kienet taħfen f'ponnijietha l-kwilt u tarma tperpirha b'kemm għandha saħħa biex ittajrilha l-għabra. Dil-mara, waqt il-ħolm, meta s-subkonxju tagħha kien ikollu s-supremazija, kienet tkun fil-quċċata tal-ossessjoni tagħha tnaddaf, taħsel jew tfarfar.

Min-naħa tiegħu, il-povru żewġha u missier il-mifni ż-żgħir u ħuh it-turmentatur il-kbir, ukoll ġie waqt meta beda jassenta ruħu bl-ikrah mid-dar għal perjodi apparentement interminabbli, u ndifen ħaj fis-semi-basement garaxx, għar-riħa tal-petrol bil- u bla ċomb u dik tad-diżil, riħa ta' żjut u lastiku tat-tajers; brake oil, WD-40, Waxoyl jew Ziebart. Kont issibu jċekċek fil-*Beetle* jew f'xi karozza ta' xi wieħed jew ieħor minn ħbiebu. Propjament aktarx li l-ewwel kont issib saqajh sporġuti għal tulhom minn taħt il-karozza, mixduda s-safety shoes u lebsin jeans li lewnu oriġinali ilu li nħeba taħt seba' saffi tidlik ta' żjut u ħmieġ ieħor endemiku għal dak is-*sanctum sanctorum* tiegħu, fejn il-mara kienet ipprojbita b'mod assolut milli tidħol, anke fl-estremità illi kienet tkun se taqa' d-dar b'kollox fuqhom.

Fil-fatt, dak il-post-santwarju awtomobilistiku mhux darba u tnejn kien il-*causus belli* min-naħa tal-mara l-ġiħadista kontra kull xorta ta' ħmieġ. Dak il-post f'dak l-istat kien jikolha u jnawwarha minn ġewwa. Kien jherrilha moħħha aktar mis-susa lill-għamara. Imma r-raġel, is-suppost *pater familias* li fuq ismu kienu jaslu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma; u li fuq ismu kien jinġieb uffiċjalment l-indirizz li fih kienu jgħammru, jew aħjar jeżistu, l-erba' koprotagonisti ta' dil-ġrajja, kien baqa' adamanti li kellu d-dritt għal-*lebensraum* tiegħu, jew aħjar għall-post ta' refuġju aktar milli għall-espansjoni, mill-attakki sfrenati u perenni ta' martu l-għażiża, in-naddafa, il-ħassiela u l-farfara per eċċellenza.

U fil-każ li l-missier ma kienx ikun taħt il-karozza, kont issibu bil-warrani lejk, milwi tnejn taħt il-bonnet tagħha, jinnaviga, iteftef u jċekċek; daqqa ma' xi timing belt, daqqa mad-distributur, u daqqa mal-isparking plugs.

U xħin jitla' mis-semi-basement garaxx, rifuġju-santwarju, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt (mhux tal-karozzi) jekk ma kienx jinża' qabel imidd sieq waħda

fil-kuritur tal-intrata. U jinża' kienet tfisser jinża' – jibqa' biss bil-boxer shorts u bil-flokk ta' taħt – bard, frisk, kesħa, reżħa, ċirċ, friża ... Ikun xi jkun, ikollu ta' bilfors iħalli s-safety shoes, il-jeans ta' lewnu oriġinali ma jingħarafx, u l-qmis jew flokk tax-xogħol li jkollu fuqu, u jerħilha aktar jiżloq u se jaqa' u ma jaqax milli le fuq dak il-madum illustrat elf darba, sa ma jasal quddiem il-kamra tal-banju u jiftaħ il-manku tal-bieb u l-viti tal-ilma tax-xawer b'minkbu, li ma jmurx jistampa xi sett marki tas-swaba' li martu (aqwa minn ta' Scotland Yard f'dil-materja forensika) ma ssibx xi marka ta' trażgressjoni min-naħa tiegħu.

* * *

Kienu għaddew għexieren ta' snin. L-omm naddafa, ħassiela u farfara per eċċellenza kienet ħalliet dan is-sors kontinwu ta'ħmieġ u għaddiet għall-ħajja li jmiss. Mifnija bl-artrite f'kull ġog li kellha, kienet sfat midfuna taħt seba' piedi trab, u bl-għabra timmillimetra dejjem aktar fuq il-fdalijiet tagħha, wara li injam it-tebut issewwes u tmermer.

Il-missier, flok taħt qiegħ xi karozza, ukoll kien sab ruħu band'oħra, imma did-darba taħt l-art u mhux fil-livell ta'semi-basement. Kien safa' taħt il-kaptelli tal-qabar, u flok bil-bonnet ta' xi karozza fuq rasu, spiċċa bl-għatu tat-tebut mitbuq fuqu.

Iż-żgħir il-kbir kien sar ix-xiħ il-kbir, u ħuh iż-żgħir iż-żgħir kien sar ix-xiħ iż-żgħir. It-tnejn kienu baqgħu għożżieb, wara għomor sħiħ imqabbdin f'xulxin, jew aħjar wieħed mehdi jifni 'l-ieħor, u l-ieħor jittanta jkampa. Tant kienu mħabbla ma' xulxin f'din is-sitwazzjoni, li qajla ssoċjalizzaw suret in-nies ma' ħaddieħor, u ħajjithom għadditilhom gerbibija b'veloċità tal-għaġeb. Għal dak li llum hu x-xiħ il-kbir aktar dehret għaġġelija milli dehret għax-xiħ iż-żgħir, għaliex tal-ewwel kien ġmielu jiddeverti jinki 'l ħuh u jeħodlu minn kulma jkollu, jekk mhux saħansitra li jkollu kollu. Għal tat-tieni, li kellu jissubixxi dawk l-attakki persistenti matul għomru, il-ħajja kienet dehritlu kemxejn itwal, u minħabba l-viċendi li kellu jġarrab, tista' tgħid li safa' jidher u jħossu ixjeħ mix-xiħ il-kbir.

Bħalissa jinsabu f'wieħed mill-kurituri li jagħtu għall-kmamar tal-anzjani residenti f'dar apposta għalihom u għal min hu bħalhom. Minn tieqa mdaqqsa faċċata tagħhom dieħel id-dawl tax-xemx, li bħad-dawl ta' xi spotlight iffukat

fuqhom, iqegħedhom fiċ-ċentru tal-attenzjoni ta' kull min jogħġbu jħares lejn in-naħa tagħhom. Kull wieħed mit-tnejn jinsab f'siġġu tar-roti, it-tnejn b'piġama bajda rrigata b'linji rqaq vertikali ħomor. It-tnejn għandhom kutra tas-suf tan-nagħaġ fuq ħoġorhom, għax minkejja dawl ix-xemx fuqhom, l-enerġija solari m'għadhiex biżżejjed biex issaħħanhom. Ix-xiħ il-kbir, minn taħt il-ħaġeb abjad qotni mberfel ix-xellugi jżebbeġ b'għajnu ddemma' lejn ħuh ix-xiħ iż-żgħir li jinsab mitluf f'nagħsa ħelwa ħelwa, isaffar *sotto voce* minn bejn xufftejh imkemmxa għax bla snien. L-għajn il-leminija tax-xiħ il-kbir ilha li ngħalqet għal dawn l-aħħar tlitt ijiem u nofs, bħallikieku l-preludju ta' nżul is-siparju imminenti fuq ħajtu.

Imma bħalma jgħidu l-Ingliżi, *old habits die hard*, u issa x-xiħ il-kbir b'għajnu x-xellugija tkewkeb, leqqiena u lesta tarmi x-xrar, joħroġ id niexfa niexfa u mkemmxa minn taħt il-kutra, iressaqha b'rogħda lejn dik li qiegħda ssaħħan ġmielha 'l ħuh maġenbu, jaħfinha bejn subgħajh iggrunċjati, u waqt li jiġbidha lejh bis-saħħa kollha, iħanxar twerżiqa li tqajjem l-erwieħ mill-qabar u tqabbeż lil ħuh ix-xiħ iż-żgħir żewġ piedi 'l fuq mis-siġġu. Dan jgħajjat għajta li mhux biss titfi lil ta' ħuh li baqa' mqareb u nebbiexi, imma li ma tagħmilx għajb lil dawk tal-mitiku Tarzan. Bil-ħasda li jieħu qalbu tħabbat għall-aħħar darba, u 'l ħuh ix-xiħ il-kbir trijonfanti proprju f'dak il-waqt tingħalaqlu l-għajn waħda li baqagħlu.